MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 151/2014

**Antonia Mamo ID 437459**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Antonia Mamo ID 437459 datata 17 ta’ Frar 2014 fejn esponiet: -

Illi fuq ic-certifikat tat-twelid ta' l-esponenti registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, kunjom ommha ta' xbubitha, Rosaria, qieghed imnizzel Tanti minflok Ciantar, hekk kif indikat mic-certifikat tat-twelid ta' l-esponenti hawn anness u mmarkat Dok. A.

Illi l-kunjom ta' Rosaria ta' xbubitha jidher car li ghandu jkun Ciantar u mhux Tanti mic-certifikat taz-zwieg ta' Rosaria registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, omm l-esponenti, hawn anness u mmarkat Dok B, kif ukoll mic-certifikat tat-twelid ta' Rosaria registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta stess hawn anness u mmarkat Dok C, kif ukoll mic-certifikat tal-maghmudija tal-parrocca ta' l-esponenti stess hawn anness u mmarkat Dok D, kif ukoll mic-certifikati tat-twelid tal-ahwa ta' l-esponenti li jisimhom Maria-Theresa, Jacqueline u Rita, registrati fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hawn annessi u mmarkati bhala Dok. E, F u G.

Illi minhabba din il-problema fil-kunjom ta' Rosaria fuq ic-certifikat tat-twelid ta' l-esponenti holqot problema kbira ghall-esponenti stess peress illi l-esponenti sabet diffikulta' biex iggedded il-passaport Awstraljan li ghandha.

Illi l-esponenti ghandha cittadinanza doppja fejn fil-fatt hi Maltija-Awstraljana u ghandha bzonn iggedded il-passaport Awstraljan taghha li jiskadi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) mill-aktar fis possibli, hawn anness u mmarkat bhala Dok H, *stante* li l-esponenti ghandha t-tifel li qieghed jghix l-Awstralja li ghandu marda terminali u tixtieq tmur hdejh mill-aktar malajr.

Ghaldaqstant, l-esponenti qed titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex: -

1 Tiddikjara zball fil-kunjom ta' Rosaria fuq ic-certifikat li jinsab fir-Registru pubbliku tat-twelid ta' Antonia Mamo.

2. Thassar u tirrevoka kunjom Rosaria fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Antonia Mamo.

3. Tiddikjara illi kunjom Rosaria ta' xbubitha ghandu jinbidel minn dak Tanti ghal dak Ciantar fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta ta' Antonia Mamo.

4. Tawtotizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Mejju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 20 ta' Marzu 2014 (fol 19) fejn espona : -

1. Illi *in linea* preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

3. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat bl-ispejjez tal- kawza istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li fiz-zmien li gie registrat l-att tat-twelid u cioe' fis-sena 1959, ma kienx hemm ezistenti sistema kompjuterizzata ta’ informazzjoni u dokumenti u ghalhekk l-ufficjali tar-Registru Pubbliku kienu joqghodu unikament fuq id-dikjarazzjoni ta' dik li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzoni li kienet titnizzel fl-att. F'dan il-kaz kien missier ir-rikorrenti stess, u cioe` Arthur Agius li kien ghamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti u kien anke ffirma u kkonferma li l-informazzjoni kienet wahda korretta, liema att huwa anness bhata Dok. DRP 1;

4. Illi ma dan isegwi li jekk sar xi zball dan l-izball sar min-naha ta’ missier ir-rikorrenti;

5. Salv eccezzjonijiet utterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta’ Mejju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Ilona Schembri. Deher Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Il-partijiet iddikkjaraw li m’ ghandhomx aktar provi x’ jipproducu. Saret it-trattazzjoni tal-kawza

mid-difensuri tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta' Gunju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attrici qed taghmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat ċivili.

Rat li l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi.

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed titlob korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid taghha **(DOK A)** peress li kunjom xbubiet ommha Rosaria huwa erronjament imnizzel bhala "*Tanti*" minflok "*Ciantar".*

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti u hija soddisfatta li kunjom xbubiet omm l-attrici huwa fil-fatt "*Ciantar*" u li sar zball meta saret ir-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attrici.

Difatti l-attrici esebiet ic-certifikati taz-zwieg u tat-twelid ta' ommha (**DOK B** u **DOK C**) mahruga mir-Registru Pubbliku ta' Malta fejn dan il-fatt johrog car. Flimkien ma' dawn ic-certifikati esebiet ic-certifikat tat-twelid

ta' hutha fejn kunjom xbubiet ommhom huwa imnizzel korrettement bhala *Ciantar*. (**Dokti E-G**).

Fid-dawl tal-premess il-Qorti hija soddisfatta li sar zball meta gie ndikat il-kunjom *Tanti* flok *Ciantar* bhala l-kunjom xbubiet omm l-attrici fic-certifikat tat-twelid taghha, u ghalhekk ser tilqa' t-talba ghad-debita korrezzjoni.

Ikkonsidrat li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-izball peress li agixxa fuq l-istruzzjonijiet tad-dikjarant meta irrilaxxja c-certifikat tat-twelid u ffirma u kkonferma l-korrettezza tal-informazzjoni moghtija u li dan kien proprju missier ir-rikorrenti (**DOK DRP1**). Ghalhekk il-konvenut ma għandux ibati spejjeż.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha salv ghall-kap tal-ispejjez.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi :-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara li sar zball fil-kunjom ta' omm it-tarbija, Rosaria, fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Antonia Mamo bin-numru 4374/1959.

2. **Tilqa'** t-tieni talba attrici u thassar u tirrevoka kunjom Rosaria fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Antonia Mamo bin-numru 4374/1959.

3. **Tilqa'** it-tielet talba attrici u tiddikjara illi kunjom Rosaria ta' xbubitha ghandu jinbidel minn dak "Tanti" ghal dak "Ciantar" fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fil-Registru Pubbliku ta’ Malta ta’ Antonia Mamo bin-numru 4374/1959.

4. **Tilqa'** ir-raba' talba attrici u tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta’ Malta din is-sentenza.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------